**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 ta' Gunju, 2018**

Kawza Numru: 39/2017MS

Go plc (C22334)

vs

Michele Maresca (KI 134292A)

It-Tribunal

Ra' t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Novembru 2017, li permezz taghha talbet lit-Tribunal tordna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' elf u hames Euro u wiehed u sebghin - il centezmu (€1005.71) bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz provdut fuq il-kont numru 40563787 ( Dok A, B).

Ra' illi fil-5 ta' Marzu 2018, il-kovenut gie notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh bil-mezz tal-procedura ta' publikazzjoni u affissjoni izda ma ressaq ebda risposta fit-terminu tal-ligi.

Ra' li fis-seduta tat-19 ta' April 2018 il-konvenut baqa' ma deherx.

Sema' l-provi;

Ra' illi fl-istess-seduta xehdet Miriam Curmi, in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti fejn qalet illi l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra' l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ra' d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidra

Permezz ta' din it-talba, s-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas minghand il-konvenut, tas-somma ta' €1005.71 in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni provduti minnha lilu.

Illi fis-seduta mizmuma nhar id-19 ta' April 2018, ir-rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad l-Art. 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u

ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti m'ghandux mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €1005.71 bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-17 ta' April 2017. Spejjez a karigu tal-intimat.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*